# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-1 ta' Lulju 2020**

Appell numru 370 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs**
**Jason MASINI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Settembru 2017 fil-konfront ta' Jason MASINI detentur tal-karta tal-identità bin-numru 29672G fejn ġie mixli talli f'Ġunju 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, (in suċċint) ikkommetta d-delitti ta' :

(a) Approprijazzjoni indebita kwalifikata ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali f'ammont akbar minn ħamest elef euro (€5000);

(b) Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku bi ksur tal-artikolu 127 tal-Kodiċi Kriminali;

(c) Reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

3. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva u minnhom illiberatu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni t'approprjazzjoni indebita iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.

4. Illi minn din is-sentenza, l-Avukat Ġenerali ma interpona ebda appell. Mill-banda l-oħra l-imputat Jason MASINI appella fejn talab ir-riforma ta' din is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u tar-reċidiva u li minnha lliberatu, filwaqt li tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannatu għall-piena imsemmija aktar il-fuq u b'hekk tilliberah minn kull ħtija. Sussidjarjament talab li jekk dak l-aggravju jiġix milquh, li tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta billi timponi piena aktar ekwa u ġusta. L-appellant ressaq żewġ aggravji li huma :

(a) F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma resqitx provi suffiċjenti li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib ħtija tar-reat ta' approprjazzjoni indebita.

(b) Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element intenzjonali tar-reat tal-approprijazzjoni indebita.

5. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat: -***

6. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

8. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-

---

migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

9. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

11. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

12. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista'

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

16. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

17. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa

minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

18. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

19. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty.

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23.Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

24.In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

25. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

26. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

27. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> > '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
>
> > 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'
>
> 23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:
>
> > 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'
>
> 24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).
>
> 25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun

prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

28. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur

Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

29. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella,*** deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

30. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-

proċess quddiemha.  Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel.  U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

31. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati.  Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

*Ikkunsidrat : -*

32. Illi nhar is-17 ta' Lulju 2015, L-Avukat Ġenerali bagħat kwerela għan-nom tad-Dipertiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet u tas-segretarju Permanenti tal-Minsiteru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward xi flus li kienu dovuti lil Gvern, ossija lill-Kunsill Malta għall-Arti u l-Kultura (MCCA) u li ġew deposizitati fuq struzzjonijiet ta' Jason MASINI fil-kont personali tiegħu.

33. L-appellant irċieva s-somma totali ta' €19,373 mingħand il-Kumpanija SENSEMBED Limited li topera n-negozju bl-isem ta' *Ticketline.com*. Dawn kienu ħlasijiet relattivi għal avvenimenti li kienu mtella' fi Pjazza Teatru Rjal, fil-Belt Valletta u liema flejjes kellhom jiġu rifużi lil MCCA.

34. Irriżulta wkoll, wara taħditiet li kienu saru fil-15 ta' Ġunju 2015, l-appellant kien għadda s-somma globali ta' €11,473 lil MCCA permezz ta' tlett ċekkijiet maħruġa fuq il-Bank of Valletta. Dan kien ħalla differenza ta' €7,900 mis-somma oriġinali depożitata fil-kont bankarju tiegħu.

35. Meta l-Pulizija tkellmu mal-appellant, dan infurmhom illi l-flus kienu ġew depożitati fil-kont personali tiegħu peress illi dak iż-żmien il-Pjazza Teatru Rjal la kellu kont bankarju appożitu u l-anqas numru tal-VAT, minkejja l-insistenza da parti tal-appellant mal-MCCA biex dan ifittex iseħħ kemm jista' jkun malajr. L-appellant jgħid li huwa kien qed jiġi ppressat mir-rapprezentanti ta'

Sensembed Ltd għan-nom tat-Tickeline biex dawn ikunu jistgħu jeffettwaw il-pagamenti li kellha isiru minnhom lill-MCCA. L-appellant jgħid li huwa ta struzzjonijiet permezz ta' e-mail jew messaġġ biex Sensembed Ltd tiddepożita dawn il-flejjes fil-kont tiegħu.

36.Fl-istqarrija tiegħu l-appellant insista illi jekk kien hemm xi flejjes oħrajn dawn ma kienux laħqu ġew rifużi peress illi l-mansjoni tiegħu kienet ġiet ittermintata ħabta u sabta mingħajr ma ngħata ebda raġuni. U ġie konsegwentement projbit milli jkollu aċċess għall-effetti, dokumenti jew flejjes li seta' kien hemm in konnessjoni mal-entita' in kwistjoni.

37.Meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-appellant kien spjega illi d-differenza ta' madwar tmint elef Euro kienu ngħataw favur impjegata tal-MCCA li kienet ukoll tagħmel xogħol ma' Pjazza Tertru Rjal, u li ma kinitx tħallset għal madwar tlett xhur u li kienet se ssifer fit-tul fil-qrib. Hu saħaq ukoll illi hu qatt ma ħa flejjes għaliħ minn dawn l-ammonti minkejja li kien għadu ma tħallasx tax-xogħol li kien għamel għal perijodu ta' l-fuq minn sena.

***Ikkunsidrat : -***

38.Illi qabel xejn din il-Qorti rat li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati sabet li ma ġiex pruvat li l-appellant kien impjegat jew uffiċjal pubbliku u għalhekk ma kienx applikabbli għalih l-artikolu 127 tal-

Kodiċi Kriminali ossija r-reat ta' storn. Il-partijiet qablu li f'dan il-każ l-appellant ma kienx jikkwalifika bħala impjegat jew uffiċjal pubbliku. Għalhekk din il-Qorti trid issa tara jekk u safejn huwa applikabbli fil-konfront tiegħu ir-reat t'approprijazzjoni indebita.

39. Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita huwa regolat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan il-mod : -

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

40. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** deċiż fid-9 ta' Ġunju 1998 il-Qorti għaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat bħala li huma:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.
>
> Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).
>
> L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is- segwenti:

"Il reato di appropazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui in profitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."

Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-
"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e' contro la volonta del propretario stesso e' converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e' a proprio lucro e commodo."

Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija vs Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997).

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Pisani, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett f'data jigi aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.

L-Imhallef Harding fil-ktieb tieghu Recent Criminal Cases Annotated no. 24 - pagna 52, meta qed jikkummenta fuq is-sentenza fuq imsemmija jghid:
"The Court of three judges held that the prevailing opinion is that the offence is completed as soon as the sum or thing is fraudulently

misappropriated, that is, misapplied with the intention of converting it to one's own profit or that of another and the actual disposal is not necessary for the completion of the offence. As soon as a sum or thing is misappropriated, there is an usurpation of the right of ownership."

41. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. John Gauci,*** deċiż fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l- agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

42. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Concetta Charles*** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2013, ġie deċiż is-segwenti:

Dwar in-natura tal-misapproprijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi. Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il- Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

Dwar l-elementi in ġenerali

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni

kriminali.'

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.'

L-element intenzjonali b'mod speċifiku

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Siegfried Borg Cole', kien deċiż hekk dwar l-element intenzjonali tal-misapproprijazzjoni indebita:

'F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' terzi. L-appellat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement għax ittardja li jaghmel il-konteġġi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profitt minn dik il-konversjoni.'

F'każ ieħor 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon', l-istess Qorti qalet hekk dwar l-intenzjoni:

'Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju), tali intenzjoni, izda, trid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.'

43. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina*** deċiż fil-15 ta' Frar 2000, ġie mistqarr li :-

Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1941 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Karmnu Catania giet identifikata d-differenza bejn r-reat ta' serq kif spjegat aktar 'il fuq u dik ta' approprazzjoni ndebita, w cioe' sabiex tissusisti l-figura ta' approprazzjoni ndebita w mhux il-figura tas-serq, hemm bzonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata w fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).

Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di dominio e da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

"gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Falzon, l-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro' [Maino Op. Cit. p. 105]."

Dan ir-reat, jiddistingwixxi ruhu mir-reati ta' serq ghax l-oggett ikun gie moghti lill-agent volontarjament, u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur, u jiddistingwixxi ruhu mit-truffa ghaliex id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent [vide Il-Pulizija v Enrico Petroni et deciza nhar d-disgha ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.]

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza Il-Pulizija v Joseph Muscat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu 1997 "L-element

partikolari tar-reati ta' approprjazzjoni indebita, mhux l-uzu ta' ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza nhar il-hamsa ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Puliizja v Joseph Mary Silvio, fejn gie deciz u kkonfermat ghal darb'ohra li sabiex ikun hemm l-approprijazzjoni indebita, l-oggett li jkun sar uzu minnu hazin irid ikun jinsab legittimament fil-pussess tal-agent, gie provat fil-kaz in desamina.

Antolisei ("Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331) jghid :
Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta' si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.

"Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105.

44.Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Vincent Farrugia*** intqal li :

Il-konkluzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hi certament li ma jistghax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant u qatt ma kien gustifikat li jzommu u ma jibghatux lid-dipartiment tal-VAT bhala parti minn dik it-taxxa dovuta ghall-perijodu fuq imsemmi. Ghalhekk bil-fatt li b'dan l-eghmil tieghu l- appellant zamm ghalih dak li kien legalment tal-Gvern, hu gie li uza dawk l-istess flus ghal skop iehor u mhux dak li kien intiz li jintuzaw. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiffigura perfettament ir-reat ta' l-approprijazzjoni indebita ai

termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tvarja dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

45.Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali : ***Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada*** tal-1 ta' Marzu 1952 :-

> id-delitt tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad- detenzjoni ta' dik il-haga.

46.Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Siegfried Borg Cole***, deċiż fit-23 ta' Diċembru 2003 dil-Qorti diversament presjeduta saħqet li fil-każ ta' flus li jkunu qegħdin jinżammu minn xi ħadd biex eventwalment jiġu restitwiti lura lil sidhom, in-nuqqas ta' restituzzjoni tagħhom tista' tintegra r-reat ta' approprijazzjoni indebita. Tiċċita lil Luigi Majno, fejn fil-***Commento al Codice Penale Italiano***,[11] jisħaq is-segwenti : -

> Trattandosi di somme di denaro, l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario.

47.Dik l-istess Qorti imbagħad kompliet iżżid hekk : -

> fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna

[11] UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105.

ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (op. cit. supra):

> Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo...Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.

48. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Herbert Cassar*** deċiża nhar is-17 ta' Marzu 2012, fost il-kunsiderazzjonijiet magħmula minn dik il-Qorti, ġie ċċitat għal darb'oħra Luigi Majno fis-sens li ġej : -

l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghall-awtur Carrara "la criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era

legittima perche non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita". Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore( "il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ....... F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid "il dolo sara' costituito della volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita'............ il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione.

49. Kwindi huwa meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li min ikun akkużat b'approprijazzjoni indebita, irid ikollu l-intenzjoni ċara li minflok jonora l-pattijiet li jkunu ġew miftehmin *in buona fede* mal-vittma (u jrodd lura l-ħaġa li tkun ġiet fdata lilu mill-vittma stess), hu jikkonverti a benefiċċju tiegħu innifsu jew għal ħaddieħor l-oġġett jew il-flus li hu jkun ġie fdat bihom. Dawn jistgħu anki jinkludu azzjonijiet ta' benefiċenza, karitatevoli jew ġusti peress illi dan ikun xorta waħda jikkostitwixxi konverżjoni tal-oġġett jew flejjes mislufa bi qliegħ terzi.

50. In jekk ikun hemm dewmien għar-restituzzjoni tal-flus jew tal-oġġett fdat dan ma jwassalx neċessarjament għar-reat ta' appropijazzjoni indebita dment li tali dewmien ma jkunx ukoll akkumpanjat mill-element formali tal-konverzjoni u tal-utilita' ta' din il-konverzjoni favur min qed jagħmilha jew favur ħaddieħor kontra l-ftehim oriġinarjament pattwit, din ġeneralment tirrisolva ruħha fi kwistjoni ta' natura ċivili.

51. Illi fil-Kodiċi Penali Taljan, ir-reat t'approprijazzjoni indebita huwa regolat bl-artikolu 646 u jaqra hekk : -

> Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il possesso, e' punito, a querela della persona offesa, con la reclusione da due a cinque anni e con la multa da euro mille a euro tremila.

52. Illi dan juri somiljanza kbira bejn dan l-artikolu u dak Malti regolanti l-approprijazzjoni indebita fis-sens li fiż-żewġ liġijiet irid ikun hemm l-elementi :

(a) Oġġetti mobbli jew flejjes tas-suġġett passiv,

(b) li l-pussess tagħhom jkun ġie volontarjament konsenjat mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv (taħt obbligu tar-restituzzjoni jew li jsir użu minnhom skont kif speċifikat);

(c) bis-suġġett attiv japproprja ruħu minnhom, billi jagħmel att ta' konverżjoni tal-oġġett mobbli jew flejjes ċjoe jittratta l-oġġett jew il-flus tas-suġġett passiv konsenjati lilu daqslikieku kienu tiegħu,

(d) bil-ħsieb li jagħmel qliegħ għalih (jew għal ħaddieħor) minn tali konverżjoni.

53. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Italja, Sez. II, numru 12965 tal-20 ta' Marzu 2003 ġie deċiż li r-reat tal-approprijazzjoni indebita jiġi kunsmat bl-interversjoni oġġettiva tal-pussess u xejn ma jinfluwixxi fuq dan l-argument li l-flus huma *res fungibiles* u b'hekk huma suġġetti għal *confusio* in bażi għal nozzjonijiet ċivilistiċi. F'dan il-każ, il-Qorti rriteniet lill-aġent tal-assikurazzjoni ħati tar-reat t'approprijazzjoni indebita meta huwa kien irċieva premia (dovuti lil soċjeta kummerċjali skont modalita ta' ħlas u

termini definiti) u minflok ma għadda dawn il-premia lil din is-soċjeta huwa rċieva dawn il-flus fil-kont kurrenti tiegħu u b'hekk approprija ruħu mill-flus de quo.

54. Din kienet issegwi sentenza oħra preċedenti tal-istess Qorti fejn kien ġie wkoll rilevat is-segwenti : -

> Il riferimento al concetto civilistico di altruità non può trovare applicazione nell'ambito penalistico della appropriazione indebita, sussistendo gli elementi costitutivi dell'ipotesi di cui all'art. 646 c.p., in presenza dell'animus proprio del delitto in esame, anche, allorché la res sia, come il danaro, fungibile. Infatti, la ratio di tale norma deve essere individuata nella volontà del legislatore di sanzionare penalmente il fatto di chi, avendo l'autonoma disponibilità della res, dia alla stessa una destinazione incompatibile con il titolo e le ragioni che giustificano il possesso della stessa, altresì nel caso in cui si tratti di una somma di danaro. (Nella specie, relativa a rigetto di ricorsi, è stata ritenuta la sussistenza del reato a carico di esercente attività di promozioni immobiliari il quale aveva omesso di consegnare le somme incassate ai venditori destinatari delle somme predette. La S.C. ha affermato che il possesso da parte dell'agente delle somme, tenuto conto dei limiti dell'incarico conferitogli, non poteva comportare, in mancanza di una espressa facoltà di utilizzazione del denaro, che un implicito divieto di utilizzazione, senza acquisizione, pertanto, della proprietà del danaro stesso da parte dell'agente, che tale acquisizione aveva sostenuto nei motivi di ricorso per escludere la configurabilità del reato di appropriazione indebita).[12]

55. Inoltre dik l-istess Qorti fis-sentenza numru 9225/1989 kienet iddeċidiet ukoll li fil-każ tar-reat tal-approprijazzjoni indebita ma jistax jitressaq l-argument tal-kompensazzjoni ta' krediti ossija tpaċija ta' djun fil-każ fejn dawn il-krediti ma jkunux ċerti, likwidi u dovuti.[13]

---

[12] Cassazione penale, Sez. II, sentenza n. 11628 del 7 settembre 1989.

[13] Cassazione penale, Sez. II, sentenza n. 9225 del 5 luglio 1989.

***Ikkunsidrat : -***

56. Illi l-appellant qiegħed jisħaq illi hu qatt ma seta' jinstab ħati tar-reat in kwistjoni peress illi ma ġewx ippruvati l-elementi rikjesti tar-reat ta' appropjazzjoni indebita skond il-liġi. Partikolarment jisħaq illi ma ġietx ippruvata l-*mens rea* tal-appellant li m'għamel assolutament l-ebda qliegħ minn dan kollu. Anżi jinsisti li hu kien għadu s'issa ma tħallasx ta' diversi xhur paga. L-appellant jgħid li hu ma għazilx li jieħu l-flus minn jeddu mill-flejjes meta' dawn ġew fil-pussess tiegħu. L-appellant insista li kellu bilfors jiddepożita l-flejjes ġol-kont bankarju tiegħu għax ma kienx ipprovdut b'kont apposta kif kien talab. In oltre li kieku l-appellant ma ħallasx lil Roselle Borg Pulis, hu kien ikun kompliċi fi twettiq ta' reat punibbli skond il-liġi.

57. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha li tressqu kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati li wassluha sabiex issib ħtija fl-appellant ta' dan ir-reat. Evidentement ma jidhirx li l-appellant jikkontesta li filfatt il-flus in kwistjoni ġew fil-pussess tiegħu u lanqas ma qiegħed jiġi kkontestat illi l-iskop tagħhom kien relatat mal-biljetti tal-avvenimenti li kienu jsiru ġewwa Pjazza Teatru Rjal u li kien qed jiġġestixxi. Lanqas m'huwa qed jiċħad illi dawn il-flejjes ġew mogħtija lilu minn Sensembed Limited speċifikament biex jiġu mgħoddija lil MCCA. In oltre jirriżulta li filwaqt li meta mitkellem oriġinarjament mill-Pulizija huwa ma semma xejn dwar il-flus li kien ħallas lil Roselle Borg Pulis (li wkoll kkonfermat li rċeviethom meta xehdet quddiem il-Qorti tal-

Maġistrati), fix-xiehda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hu ġġustifika l-avarija ta' madwar €8000 billi saħaq li kien ħallashom lil Pulis għall-pagi ta' tlett xhur li kienet baqgħet ma tħallsitx tagħhom mingħand l-MCCA.

58. Madankollu, kif korrettement indikat ukoll il-Qorti tal-Maġistrati, Borg Pulis ma kienetx impjegata miegħu jew tiegħu. Anke jekk in-nuqqas ta' ħlas dovut lil Borg Pulis setgħa kien kundannabbli, ma kienx il-kompitu tiegħu li jħallasha. Inġusta kemm setgħet kienet inġusta s-sitwazzjoni fil-konfront tas-sinjura Pulis, hu ma kellux il-fakolta li jieħu din id-deċiżjoni u li jħallasha mill-flejjes li kienu intiżi li jiġu depożitati fil-kontijiet tal-MCCA. Dan jikkostitwixxi parti mill-element tal-konverżjoni ta' parti mill-flus mgħoddija lilu minn Sensembed Limited bl-intiża li jiġu mħalsa lil MCCA. Allavolja l-appellant jallega li l-MCCA kienu konxji dwar dan il-fatt, tali allegazzjoni pero ma ġietx sostnuta minn provi oħra.

59. Dan il-komportament huwa aktar dibattibbli grazzi għax-xhieda ta' Gilmore Mercieca li jisħaq illi fi żminijiet meta l-appellant kien qed imexxi din l-entita, l-MCCA diġa kellhom kemm kont bankarju kif ukoll numru tal-VAT fejn l-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Enti, inkluż allura l-Pjazza Teatru Rjal, kienu jużaw sistema ċentralizzata u mhux waħda distinta.[14]

60. Anke jekk l-appellant setgħa kellu intendiment li Pjazza Teatru Rjal kellha tiġi mogħtija awtonomija deċiżjonali u finanzjarja, sakemm

[14] Ara d-deposizzjoni ta' dan ix-xhud a folio 79 tal-atti proċesswali u datat l-1 ta' Frar 2017.

tali deċiżjoni tiġi fis-seħħ, huwa ma setgħax jiddeċiedi hu minn jeddu li jimplimenta tali deċiżjoni t'awtonomija finanzjarja u jaqbad u jagħti struzzjonijiet lil kredituri biex dawn jibdew jiddepożitaw il-flejjes dovuti lil Pjazza Teatru Rjal fil-kont bankarju personali tiegħu. Għalkemm l-appellant setgħa kien qiegħed jieħu ħsieb it-tmexxija ta' tali enti, huwa ma kellux is-setgħa li jimmedeżima lilu nnifsu mal-istess enti u jwaħħad il-finanzi tiegħu ma dawk tal-istess enti – kif spiċċa għamel meta huwa ta struzzjonijiet lil Sensembed Limited biex tibda tagħmel f'Diċembru 2014. Ladarba l-MCCA kellhom kont bankarju operanti u operattiv, huwa kellu jara li l-flejjes dovuti lil MCCA jiġu depożitati fil-kontijiet tal-MCCA u xejn aktar – la f'kont tiegħu personali u l-anqas f'xi kont ieħor *nomine alieno*. Huwa la kien awtorizzat li jirċievi l-ħlasijiet fil-kont tiegħu personali u l-anqas jirriżulta li kien qal lil Johann Galea, Mario Azzopardi jew lil xi persuna oħra bil-manuvra ta' depożiti ta' flus fil-kont tiegħu personali lil ħaddieħor, għajr ħlief lil Joshua Ellul ta' Sensembed Limited. U fl-e-mails tiegħu Ellul juri biċ-ċar li l-intenzjoni tiegħu kienet li l-flus imħalsa lill-appellant kellhom imorru għand l-MCCA u mkien iktar – minkejja l-istruzzjonijiet mogħtija lilu mill-appellant biex il-flus jiġu depożitati fil-kont bankarju li taħ.

61. Di piu', b'referenza għall-istatement tal-kont bankarju tal-appellant li ġie eżebit mill-Prosekuzzjoni,[15] jirriżulta li l-appellant mhux biss iddepożita l-flejjes mingħand Sensembed Limited fil-kont bankarju tiegħu u ħallihom hemm talli jirriżulta li huwa kompla jħaddem tali

[15] Dok JB1 a folio 85 tal-atti proċesswali.

kont u anke jiġbed il-flus u jagħmel pagamenti varji li ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-operat tal-Pjazza Teatru Rjal.

62. Qabel xejn hekk kif daħlu t-€8000 fit-12 ta' Diċembru 2014 dawn ġew immedjatament miġbuda mill-kont tiegħu fl-istess jum. Din is-somma ġiet allegatament mgħoddija in kontanti lil Roselle Borg Pulis.

63. Biss anke meta wieħed iqis l-ammont ta' flus li kellu l-appellant fil-kont bankarju tiegħu għall-ammonti l-oħra ta' flus depożitati u miġbuda jirriżulta li wara li kien sar id-depożitu ta' €10,373 fid-19 ta' Jannar 2015 huwa ġibed ammonti ta' flus f'total li kienu jiżbqu l-bilanċ personali disponibbli tiegħu (meta jitnaqsu l-ammonti ta' €1000 depożitati fil-15 ta' Diċembru 2014 u l-istess €10,373 fid-19 ta' Jannar 2015).

64. Dan l-iżbilanċ huwa dovut għal ġbid ta' flus u infieq ieħor li jirriżulta mir-rendikont bankarju a fol 85 u 86. L-appellant għamel użu mill-flejjes depożitati anki għal skopijiet personali, partikolarment wara l-aħħar depożitu ta' 'l fuq minn għaxart elef Euro. Dan qed jingħad peress illi l-bilanċ fil-kont tal-appellant qabel dan id-depozitu u ċioe' sa nhar is-17 ta' Jannar 2015 kien jammonta għal €1447.21 – u li fih kien jinkludi l-€1000 li ma kienux tiegħu personali iżda l-flus li Sensembed Ltd kienet trasferiet għal MCCA. Minn mindu sar dan id-depożitu tal-€10,373 fid-19 ta' Jannar 2015 ma sarux depoziti oħrajn f'dan il-kont sal-24 ta' Marzu 2015. Hemmhekk l-appellant kien irċieva l-paga mill-Universita' ta' Malta fl-amont ta' €2624.88. Dan id-depożitu wassal għal bilanċ ta'

€6515.93, kwindi ammont konsiderevolment **<u>inqas</u>** mid-depożitu ta' €10,373 u €1000 preċedenti li suppost ma kellhomx jitmissu minnu in kwantu ma kienux jappartjenu lilu.

65. Sussegwentement fl-10 ta' April 2015 sar depożitu ieħor ta' €20.98, fl-1 ta' Ġunju 2015 sar ieħor ta' €50, ieħor ta' €4 fis-6 ta' Ġunju 2015 u finalment nhar it-**<u>12 ta' Ġunju 2015 sar</u>** depożitu ta' €15,000 bi provenjenza mhux magħrufa. Tliet ijiem biss wara dan id-depożitu (qawwi u insolitu tenut kont tad-depożiti personali tiegħu preċedenti u li allura ma jinkludux id-depożiti minn Sensembed Limited), u ċjoe fil-15 ta' Ġunju 2015 l-appellant għamel tliet tranzazzjonijiet li permezz tagħhom għadda lil MCCA *bank drafts* fl-ammont ta' €11,481.73.

66. L-uniku depożitu li jirriżulta wara dawn it-transazzjonijiet u sal-aħħar data pprovduta fir-rendikont bankarju in kwistjoni[16] huwa ta' €2716.09 rappreżentanti paga oħra mill-Universita' ta' Malta favur l-appellant.

67. Kwindi għal dak li jirrigwarda l-element tal-qliegħ jirriżulta pruvat kemm fir-rigward tiegħu innifsu kif ukoll a favur u benefiċċju ta' terzi. Għalkemm meta l-appellant ħallas lil Borg Pulis ma jirriżultax mill-provi li hu ggwadanja xi ħaġa personalment, xorta jibqa' li Borg Pulis iggwadanjat minn din l-azzjoni tiegħu meta hu ma kienx awtorizzat li jħallas lil terzi – la minn Sensembed Limited u l-anqas mill-MCCA. Ir-rapport fiduċjarju ma Sensembed Limited kien

[16] Id-29 ta' Lulju 2015.

jorbot lill-appellant li jgħaddi l-flus lil MCCA u mbagħad semmai tkun din l-Enti li tieħu ħsieb tiġġestixxi d-debiti tagħha.

68. Bl-istess mod, l-użu li l-appellant għamel mill-flus depożitati fid-19 ta' Jannar 2015 fl-ammont ta' €10,373 li ssarfu f'ammonti varji u għal skopijiet differenti ta' natura personali, fosthom sabiex iħallas ristoranti u ħwienet, jikkostitwixxi wkoll konverżjoni ta' mill-inqas parti minn din is-somma msemmija għal skopijiet personali tiegħu. Dan jissodisfa l-element tal-qliegħ anki personali f'dan il-każ.

69. Din il-Qorti ħasbet ukoll fir-rigward tal-argument tal-appellant li huwa kien kreditur tal-MCCA fl-ammont ta' paga li huwa kellu jitħallas sa minn Jannar 2014 u li baqa' ma tħallasx. Dwar dan il-punt hemm korrispondenza li tindika b'mod ċar, inkluż emails minn Albert Marshall, fejn jiġu indikati sforzi dwar dawn il-ħlasijiet li kellhom isiru lill-appellant. Biss jirriżultaw ukoll emails minn Mario Azzpardi fejn l-appellant jiġi mistoqsi għal kuntratt tal-ingaġġ tiegħu in kwantu mingħajr prova kontrattwali dan beda jgħid li ma setgħax iħallsu. Mingħajr ma tidħol f'din il-kontroversja ċivili, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ipprova sal-grad tal-probabbli li huwa kien għamel żmien jaħdem u jistinka għal Pjazza Teatru Rjal u li minkejja dawn l-isforzi huwa għamel is-sena 2014 ma tħallasx.

70. Fid-dawl ta' dan din il-Qorti ħasbet ukoll dwar dak imsemmi minn Luigi Majno fis-silta imsemmija aktar il-fuq fis-sens li :

> onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale.

71. Jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tqis li l-appellant kellu pretiża ġusta li jitħallas mingħand l-MCCA għax-xogħol li għamel, jibqa' l-fatt li l-ammonti dovuti lilu kjarament ma kienux ċerti u likwidi, għalkemm setgħu kienu dovuti. B'hekk japplika dak mistqarr mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana ċitata aktar il-fuq fis-sentenza numru 9225/1989 fis-sens li fil-każ tar-reat tal-approprijazzjoni indebita ma jistax jitressaq l-argument tat-tpaċija ta' djun fil-każ fejn dawn il-krediti ma jkunux ċerti, likwidi u dovuti.[17] Iżda l-appellant xorta waħda ma illimitax ruħu biss li jżomm il-flus dovuti lill-MCCA bħala xi forma ta' garanzija għal ħlas ta' dak dovut lilu. Huwa għamel il-qabża fil-kwalita billi mhux biss iddepożita l-flejjes dovuti minn Sensembed Limited lil MCCA fil-kont personali tiegħu fuq struzzjonijiet tiegħu stess, iżda għadda biex nefaq flejjes mill-kont bankarju tiegħu li kienu jinkludu mhux biss fondi personali u proprji iżda wkoll mill-flejjes li huwa kien irċieva mingħand Sensembed Limited u li kienu jappartjenu lil MCCA u mhux lilu in kwantu dawn il-flejjes kienu ġew trasferiti lilu minn Sensembed Limited bl-intiża ċara u miktuba li dawn kellhom jgħaddu għand l-MCCA u mkien aktar.

72. Kwindi fid-dawl ta' dan kollu u anki b'referenza għall-ġurisprudenza kif preċedentement indikata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija tal-appellant tar-reat ta' tal-appropjazzjoni indebita.

[17] Cassazione penale, Sez. II, sentenza n. 9225 del 5 luglio 1989.

B'hekk din il-Qorti ma tistax tilqa' l-appell tal-appellant dwar il-meritu tal-każ.

***Ikkunsidarat : -***

73. Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-gravam dwar il-piena imposta fuq l-appellant. Din il-Qorti rat li l-Avukat Ġenerali m'appellax minn din is-sentenza u appella biss l-appellant. Żgur li l-piena ma kienetx *manifestly excessive*. Jekk xejn kienet piena żgħira meta imqabla mar-reat.

# *Decide*

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***